

# Kuntatt
## mal-iskola ta' wliedkom



## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA



Sa ftit snin ilu, is-sistema edukattiva f'pajjiżna kienet tifred l-istudenti fuq bażi ta' ħila akkademika. Dawk li kienu akkademikament tajbin kienu jmorru ġo skola u dawk li kienu akkademikament batuti kienu jmorru ġo skola oħra. Għalkemm illum din is-sitwazzjoni nbidlet, fejn l-istudenti jinsabu kollha taħt saqaf wieħed u li l-iskola tipprovdi tagħlim għal studenti ta' ħiliet u abbiltajiet differenti, xorta għadek tisma' studenti jgħidulek li l-iskola ma tilħaqx l-esiġenzi tagħhom.

Ikolli nammetti li iva xi kultant ikollhom raġun. Is-sistema edukattiva preżenti ma tgħoddx għal kulħadd. Dawk l-istudenti, li l-kultura tad-dar tixbah ħafna lill-kultura tal-iskola, b'ġenituri li jistgħu jgħinuhom fix-xogħol, b'kotba, riżorsi u b'tagħmir elettroniku edukattiv, huma vantaġġjati fuq dawk l-istudenti li din il-kultura hija aljena għalihom. Ir-riċerki kollha juru li s-sistema edukattiva preżenti taqdi biss lil madwar nofs il-popolazzjoni tal-istudenti. Dan mhux sew u sa fl-aħħar din is-sitwazzjoni qed tiġi indirizzata. Is-sistema edukattiva f'pajjiżna tinsab f'salib it-toroq.

S'issa kull skola ppruvat tindirizza din l-inġustizzja, din il-ħela ta' studenti, fuq bażi individwali u bi programmi speċifiċi maħsubin apposta. Id-direttorat tal-edukazzjoni jirrikonoxxi dawn l-inizjattivi u s-suċċessi tagħhom u s-sistema l-ġdida se tkun qed tibni fuq dawk il-mudelli eżistenti li kienu ta' suċċess. Hemm il-ħsieb li fil-futur qarib tiddaħħal sistema li tipprovdi edukazzjoni ta' kwalità verament għal kulħadd b'varjetà ta' suġġetti prattiċi, vokazzjonali u akkademiċi.

Iżda biex din is-sistema tkun verament effettiva trid tibni fuq il-bżonnijiet tal-istudent iktar milli l-esiġenza tas-suġġett. Is-suċċess li nkiseb mill-programmi individwali applikati fl-iskejjel, kien propju għax ħaseb fil-bżonnijiet tal-istudenti, fil-ħiliet tagħhom, f'metodi differenti kif jipproduċu x-xogħol u fuq xogħol li kien relevanti għalihom.

*...kompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL

## Merħba għal sena skolastika oħra



Kif tgerbu malajr il-vaganzi tas-sajf hux? Għaddew il-jiem ta' xalar, divertiment, qbiż fil-baħar u sigħat twal ta' rqad. Nittamaw li qattajtuhom bilgħaqal u ma servewx biex ħlejtu l-ħin. Beda Settembru li jfisser bidu ta' sena skolastika ġdida. Issa reġa' wasal iż-żmien li mmeddu għonqna għax-xogħol u nerġgħu nibdew nistinkaw biex niksbu riżultati sodisfaċenti. Tajjeb li niftakru li l-edukazzjoni hija l-aħjar investiment għall-futur tagħkom. Kull sena ġġib sfidi ġodda magħha u spiċċa ż-żmien ta' tlajjar. Issa wasal iż-żmien li nxammru l-kmiem u nibdew naħdmu bis-serjetà.

Kull sena ġġib orizzonti ġodda magħha. Mhux sfidi akkademiċi biss imma anki fejn jirrigwardja attivitajiet extra kurrikulari. L-iskola tagħna temmen, u dan intom tafuh, li t-tagħlim m'għandux isir biss minn fuq il-mejda tal-klassi, iżda anki permezz ta' attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal ieħor. Din il-kombinazzjoni tgħin biex l-istudent jikber b'mod ħolistiku. Dan biex inkomplu nsaħħu t-tajjeb li jkun inbena mid-dar.

Issa li qed joqrob tmiem l-ewwel *term*, ifisser li wasal żmien il-Milied. Żmien ta' ferħ, għaqda u ċelebrazzjonijiet. Filwaqt li aħna nkunu qegħdin nifirħu mal-familji tagħna, nieklu ikla tajba u niftħu r-rigali, jaf ikun hemm oħrajn li jinsabu weħidhom, li m'għandhomx ma' min jaqsmu dal-ferħ; li m'għandhomx kumpanija waqt l-ikla tal-Milied għax ikunu qed isofru mis-solitudni. Hemm oħrajn li bilkemm għandhom biċċa ħobż x'jieklu jew imqar kutra biex jitgħattew biha fis-sirda tal-lejl. Hemm nies li se jkunu qed iqattgħu daż-żmien fis-sodda jieħdu t-terapija bżonjuża biex iħossuhom ħarira aħjar. Għalhekk, waqt li nkunu qed nawguraw il-Milied it-tajjeb lill-għeżież tagħna, waqt li nkunu qed inċarrtu ħalqna bil-ferħ u l-għaqda li nkunu fiha f'daż-żmien tant sabiħ, u filwaqt li nkunu qed naqsmu kikkra te sħuna u biskuttin ma' kumpanija tajba, huwa bix-xieraq li naħsbu f'min hu inqas ixxurtjat minna u nagħtuh l-isbaħ rigal tal-ħajja: il-ħin, ir-rispett, id-dinjità u l-imħabba.

Minn dan kollu, tajjeb nitgħallmu napprezzaw dak kollu li għandna madwarna. Kemm hu sabiħ li nqumu ta' kull filgħodu u nirringrazzjaw lil Alla li qomna b'saħħitna u bdejna ġurnata ġdida, allavolja forsi ma jkun hemm xejn ġdid  mill-ġranet ta' qabel. Iżda, min jaf kemm hawn min jitlob li jqum fuq saqajh u jkollu rutina bħal ħaddieħor. Kemm hu sabiħ li nagħtu valur lin-nies għeżież għalina u napprezzaw kull mument li nqattgħu magħhom. Dan m'għandux ikun biss f'daż-żmien partikolari, iżda matul is-sena kollha għax il-valuri tal-ħajja m'għandhomx żminijiet u limiti. L-isbaħ rigal mhuwiex xi mowbajl jew *playstation* tal-aħħar moda li jiswew il-flus għax l-aqwa rigal huwa b'xejn: l-imħabba lejn il-proxxmu tagħna.

Nawgurawlkom Milied hieni u sena oħra ġdida mimlija, saħħa, hena u sliem.

*Is-Sur J Spiteri u s-Sa D Dimech*
Għalliema tal-Malti

*...ikompli minn paġna 1*

Is-suċċess stajna nkejluh għaliex dawk l-istudenti, li normalment jiskartaw jew jagħtu l-problemi bdew jattendu regolari, jieħdu nteress u jipparteċipaw b'mod attiv. L-iskola saret relevanti għalihom ukoll! Jalla s-sistema l-ġdida tkompli xxettel inizjattivi tajbin sabiex uliedna jirnexxu lkoll.

*Is-Sur M Bondin*
Il-Kap tal-Iskola

# L-AQWA TEŻOR!




Tieħu gost titkellem maż-żgħażagħ u tisma' u tagħti kas dak li jaħsbu u jemmnu.

U, appuntu, f'diskursata li kelli ma' Andrew *, student żagħżugħ fuq l-għatba tal-eżamijiet tal-*O Levels* u li għadda għala widnejja li kien qed jittraskura xi ftit, fettilli nsemmi kemm aħna l-bnedmin inħobbu noħolmu dwar dak il-jum li fih insibu teżor. Min jaf, jekk wieħed jinżel fil-fond fil-ħamrija tal-ġardina forsi jsib xi kaxxa antika mimlija deheb u ġojjelli!

"Biex ġej dalgħodu, *sir*?" staqsieni Andrew li ta' intelliġenti li kien, intebaħ li l-intenzjoni tiegħi ma kinitx li nieqaf fuq it-teżor li wieħed joħlom li jsib fil-ħamrija tal-ġnien tad-dar tiegħu!

Id-diskursata waqgħet fuq it-teżor li hu u kull żagħżugħ u student u studenta huma mogħnija bih: it-teżor tal-edukazzjoni. Edukazzjoni li tibda d-dar fl-ewwel snin tal-ħajja u tkompli fl-istituzzjonijiet edukattivi bla waqfien u limitu ta' xejn. Fi skejjel mgħammra bl-aqwa tagħmir edukattiv imma fuq kollox mogħnija b'edukaturi ta' kuxjenza li jagħmlu l-impossibbli sabiex jaraw li l-istudenti tagħna jimxu dejjem aktar 'il quddiem.

U hawnhekk, Andrew, imdorri kif inhuma ħafna żgħażagħ, li jisma' prietka wara l-oħra dwar l-importanza tal-istudju fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna, dar fuqi u serju serju staqsieni:

"Imma *sir*! Aqtagħli l-kurżità....jien għandi nistudja sabiex intejjeb lili nnifsi u nħossni aktar komplut u sħiħ bħala persuna jew għandi nistudja sabiex insib xogħol?"

U b'din il-mistoqsija intelliġenti kkonfermajt il-potenzjal li għandu Andrew u ż-żgħażagħ bħalu.

Għax tassew! X'għandu jkun l-għan aħħari tal-edukazzjoni. L-iżvilupp sħiħ personali jew preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol?

Is-sistema edukattiva attwali u dik tal-futur qarib permezz tal-proġett ambizzjuż tal-*My Journey* qed u se tkompli tagħti l-opportunitajiet kollha sabiex l-istudenti kollha jkunu jistgħu jilħqu kull ambizzjoni u ideal tagħhom. Is-sistema edukattiva attwali tippermetti lill-istudenti kollha sabiex jimirħu kemm fl-akkademiku kif ukoll fil-vokazzjonali.
Min hu tajjeb fl-akkademiku għandu kull opportunità sabiex jimraħ kemm jiflaħ. U għal min hu aktar maqtugħ għas-suġġetti vokazzjonali hemm il-mezzi kollha sabiex jiżviluppa l-abbiltajiet tiegħu. L-iskola hija ppreparata bis-sħiħ għal dawn l-isfidi kemm mill-aspett pedagoġiku u preparazzjoni tal-għalliema kif ukoll mill-aspett ta'

tagħmir u riżorsi materjali fil-klassijiet u l-laboratorji rispettivi.

Meta l-istudenti jilħqu l-miri tagħhom ikun l-aqwa ċertifikat li s-sistema edukattiva tkun qiegħda tilħaq l-għanijiet tagħha.

Iż-żmien li qed ngħixu huwa wieħed eċitanti u pożittiv għall-istudenti kollha. Is-sistema edukattiva qiegħda taċċerta ruħha li mhux biss ħadd ma jibqa' lura iżda wkoll sabiex ikollna ċittadini kompluti, mgħallma u ppreparati sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-imprendituri fit-tisħiħ tal-ekonomija tal-pajjiż.

Għaldaqstant Andrew jista' jserraħ rasu li t-triq li għandu quddiemu hija waħda ta' opportunitajiet kbar u s-suċċess jiddependi minn kemm lest jaħdem u jistinka u jsoff mill-benna ta' dak kollu li qed jiġi offrut lilu mill-aqwa teżor.

**Andrew huwa isem fittizju.*

*Is-Sur R Muscat*
Assistent Kap tal-Iskola

# ATTIVITAJIET B'RISQ ALS MALTA

Kull sena, il-Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja jagħżel għaqda jew fondazzjoni biex il-fondi li jinġabru mill-attivitajiet li jsiru matul is-sena, imorru għaliha. Bħal daż-żmien sena, intgħażlet il-Fondazzjoni ALS Malta.

Mill-ewwel bdejna bil-preparamenti għal diversi attivitajiet.  Kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti daħlu għal xogħol impenjattiv fil-pantomima tal-Milied bl-isem ta' *Il-Gżira tat-Teżor*. Parti mill-flus tal-biljetti tad-dħul marru għal dan l-għan.



Fil-ġranet tar-Randan kellna l-bejgħ tal-Kwareżimal li sar fl-iskola stess minn studenti u għalliema.

F'Marzu, l-istudenti tagħna daħlu għal biċċa xogħol sabiħa ta' drama bit-tema tal-Olokawst. F'din l-attività, in-nies preżenti wkoll taw xi donazzjonijiet għal ALS Malta.

F'Mejju ġiet organizzata l-iSportsFest.  Kienet ġurnata fejn ħadna gost flimkien fi spirtu sportiv filwaqt li bil-bejgħ ta' kejkijiet u l-lotterija komplejna nżidu mal-fondi.

F'Ġunju, spiċċajna bil-kbir!  Festa Komunità kienet suċċess enormi. Ġiet organizzata majjalata kif ukoll wirjiet tal-karozzi u makkinarju agrikolu. Il-bitħa tal-iskola kienet imballata bin-nies li ġew u ħadu gost f'ambjent allegru. Kien ingħaqad magħna wkoll Bjorn Formosa, il-fundatur tal-ALS Malta.

Permezz ta' dawn l-attivitajiet, l-istudenti tagħna qed jiġu edukati f'ambjent ta' solidarjetà u jitgħallmu jieħdu gost filwaqt li jgħinu lil ħaddieħor.

**Is-Somma ta' €10,000**

Nhar it-Tnejn, 16 t'Ottubru nġbarna lkoll fis-sala tal-iskola, biex flimkien nagħtu s-somma sabiħa ta' €10,000 lil Bjorn Formosa, il-fundatur ta' ALS Malta.

*...kompli fuq paġna 5*



Bjorn kien emozzjonat għall-aħħar b'din is-somma miġbura. Fid-diskors tiegħu hu spjega kif dawn il-flus se jintużaw għad-dar li kienet se tinfetaħ apposta għal persuni li jbatu minn ċerti kundizzjonijiet. Kompla emozzjona ruħu meta l-istudenti ppreżentawlu kejk u awgurawlu għal għeluq sninu.

**"Din il-memorja se nżommha ġo qalbi għal tul ta' żmien"**

*Bjorn Formosa*



Ftit jiem wara li ppreżentajna ċ-ċekk lil Bjorn Formosa, infetħet uffiċjalment Dar Bjorn, li hija dar komunitarja fejn pazjenti tal-ALS, tal-Isklerożi Multipla u ta' mard newroloġiku jistgħu jirċievu kwalunkwe għajnuna li jkollhom bżonn. Dan kompla żied mas-sodisfazzjon tagħna għax żgur nafu li l-flus li nġabru se jintużaw verament għal kawża ġusta.

Fl-iskola ġiet imwaħħla wkoll lapida kommemorattiva b'tifkira tad-donazzjoni tagħna.

## IL-FONDAZZJONI QALB IT-TFAL

Għaxra fil-mija tat-trabi li jitwieldu f'pajjiżna, ikollhom bżonn jgħaddu numru ta' ġranet, ġimgħat jew xhur f'diviżjoni magħrufa bħala NPICU (Neonatal Pediatrics Intensive Care Unit), jew kif nafuh aħjar, l-ITU tat-trabi. Bejn 300 u 350 tarbija fis-sena jingħataw kura f'dan id-dipartiment.

Ir-raġunijiet huma diversi, iżda waħda mill-aktar komuni hi dik li t-tfal ikunu twieldu qabel iż-żmien. Fl-2013, Roderick Cachia flimkien mal-mara tiegħu Liliana waqqfu l-Fondazzjoni Qalb it-Tfal. L-għan tagħha hu dak li jgħin dan id-dipartiment fl-Isptar Mater Dei, li hu deskritt bħala t-tieni l-aqwa dipartiment tax-xorta tiegħu fl-Ewropa u dan jitkejjel mir-rata ta' għajxien ta' dawn it-trabi.

Roderick u Liliana, waqqfu din il-fondazzjoni, wara li ġew bżonn huma stess dan id-dipartiment wara t-twelid tat-tewmin tagħhom qabel iż-żmien.

Il-Fondazzjoni Qalb it-Tfal ittella' diversi attivitajiet fejn jinġabru fondi biex ikun jista' jinxtara apparat mediku għad-dipartiment tal-NPICU, fosthom il-*Cooling Cap System* li tiswa madwar €20,000 u tintuża f'każijiet fejn ikun hemm kumplikazzjonijiet waqt it-twelid ta' tarbija. Din tintuża biex il-moħħ jerġa' jibda jħaddem il-funzjonijiet normali tiegħu u tnaqqas ir-riskju li ssir ħsara fil-moħħ. Huwa stmat li bejn erba' u sitt trabi kull sena jkollhom dawn it-tip ta' kumplikazzjonijiet waqt it-twelid.

Hemm diversi proġetti oħra li jridu jsiru f'dan id-dipartiment biex tittejjeb il-ħajja ta' dawn it-trabi u għalhekk din il-fondazzjoni ttella' diversi attivitajiet biex jinġabru l-fondi meħtieġa.

Il-Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja din is-sena għoġbu jagħżel il-Fondazzjoni Qalb it-Tfal biex il-fondi kollha miġbura minn diversi attivitajiet li jsiru fl-iskola jmorru kollha għal dan il-għan.

L-ewwel attività li l-iskola se torganizza hija bla dubju l-Pantomima tal-Milied li ilha ssir għal diversi snin u laħqet ċerta popolarità. Inħeġġukom biex tattendu għal din il-pantomima bl-isem ta' *It-3 Muskettieri?* biex tiddevertu flimkien mal-għalliema u l-istudenti tagħna u fl-istess ħin tkunu qed tgħinu lill-Fondazzjoni Qalb it-Tfal.



*It-Tim tal-Attivitajiet*

# IL-LIBRERIJA




Il-librerija, permezz ta' fondi mill-Aġenzija tal-Litteriżmu kif ukoll minn fondi mogħtija mis-Surmast tal-iskola, xtrat numru ta' kotba li f'dawn il-jiem kienu murija lill-istudenti u wara tpoġġew fuq l-ixkafef għall-benefiċċju tal-istess studenti u l-għalliema tagħhom. Għandna biex niftaħru bil-librerija li għandna, librerija mgħammra tant tajjeb bil-kotba li jgħinu lill-istudenti jkabbru l-għarfien tagħhom dwar suġġetti differenti.

Il-qari hu importanti ħafna fid-dinja tal-lum. Wieħed jista' jġib l-informazzjoni minn eluf ta' mezzi, imma żgur li l-ktieb jibqa' l-aqwa sors ta' informazzjoni. Il-poeta Malti Victor Fenech fi strofa bi stil ħajku jikteb hekk: ***Rasu iebsa l-ktieb // sfida t-teknoloġija, // u baqa' jkattar.*** Hu importanti li aħna, matul is-sena skolastika, nidħlu fil-librerija, mhux biss biex nagħmlu x-xogħol, jew biex noqogħdu nitkellmu jew biex nistkennu mix-xita u mill-bard, imma biex nintilfu fid-dinja ta' kotba li hemm u b'hekk inkunu qed inħaddmu l-immaġinazzjoni tagħna.

***X'waslilna:***




Min qara ż-żewġ kotba ta' Clare Azzopardi dwar ***Il-każ De Molizz***, għandu issa jaqra t-tielet volum minn din is-sensiela: ***Jissokta l-każ tal-Aħwa ta' Saver u Ludmilla De Molizz.*** Għandna wkoll il-ġrajjiet tal-ġurdien famuż ***Ġeronimo Stilton*** bil-Malti biex hekk fil-librerija, dwar dan il-ġurdien, wieħed jista' jaqra bl-Ingliż, bil-Malti u bit-Taljan.

Tħobb taqra fuq il-ħajjiet ta' personaġġi Maltin? Għandna l-bijografiji tal-poeta u l-ex-President ta' Malta ***Anton Buttigieg***, tal-***Arċisqfijiet Mikiel Gonzi*** u ***Ġużeppi Mercieca***.

Tħobb taqra dwar il-Mafja Taljana? Aqra l-kotba tal-awtur żagħżugħ Robert Aloisio - ***Sfidaw lill-Mafja*** u ***Falcone u Borsellino.*** Taf min hu l-Arċisqof Oscar Romero? Aqra l-ktieb tal-istess awtur ***Qatlu lill-Arċisqof***.




Waslulna diversi kotba ta' interess ġenerali fosthom dwar il-Festi Maltin, l-Arti, ir-Reliġjon, l-Isports u l-karozzi. Jekk inti tħobb avventuri dwar il-gwerra, aqra l-kotba ta' **Andy McNab**, ex-surġent fl-Armata Ingliża. Waslulna numru kbir ta' rumanzi ta' Michael Morpurgo u John Green, is-sensiela ta' **Artemis Fowl**, il-**Wimpy Kid** u kotba mis-sensiela **Skullduggery Pleasant**.

Waslulna wkoll diversi kotba bit-Taljan, bl-Ispanjol, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż li jikkonsistu f'novelli, kotba ta' interess ġenerali kif ukoll kotba li se jservu ta' riżorsi għall-għalliema ta' dawn il-lingwi barranin.

Ta' min iżid li diversi għalliema ta' suġġetti differenti ħasbu biex il-librerija tal-iskola tagħna tkun attrezzata b'diversi riżorsi li jgħinuhom jagħtu l-aqwa tagħlim lill-istudenti f'kull livell. Saħansitra, għandna kotba biex dawk l-istudenti li ma jafux il-Malti, ikunu jistgħu jitgħallmu l-Malti bħala t-tieni lingwa tagħhom. Għal min iħobb u jinteressa ruħu f'dak kollu li hu Malti għandna s-sensiela magħrufa ta' kotba – ***Treasures of Malta*** – sensiela imprezzabbli ħafna.



**Mill-11 sad-19 ta' Diċembru**, bħal kull sena se jkun hemm **il-Fiera tal-Kotba** fil-librerija tal-iskola matul il-brejk ta' nofsinhar. Din se tkun miftuħa wkoll waqt il-*Parents' Evening* li se ssir nhar l-14 ta' Diċembru. Kuljum il-librerija, minbarra li tkun miftuħa matul il-brejk ta' nofsinhar, qiegħda tinfetaħ ukoll kull filgħodu bejn is-7am u t-7.40am għal dawk l-istudenti li jiġu kmieni l-iskola.

Il-kittieb Amerikan Mark Twain, magħruf għar-rumanz "The Adventures of Huckleberry Finn" isostni li ***"Dak il-bniedem li ma jaqrax kotba tajbin, m'għandu l-ebda vantaġġ fuq dak il-bniedem li ma jaqrax."***

*Is-Sur A Dimech*

Għalliem-Librar

## PINK OCTOBER







Nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru, 2017, fl-iskola tagħna kellna attività marbuta ma' *Pink October*. Għal din il-ġurnata l-istaff u l-istudenti kollha ġew lebsin *casual* u b'xi ħaġa roża.

*Pink October* issir biex ngħaddu informazzjoni sabiex l-istudenti jifhmu iktar x'inhu l-kanċer tas-sider. Infatti, filgħodu waqt l-*assembly* kellna mistiedna speċjali – Is-Sa Dorianne Darmanin li ġiet tirrappreżenta lil *Europa Donna* u lil *Marigold Foundation*. Is-Sa Darmanin indirizzat lill-istudenti u lill-*istaff* fejn qasmet l-esperjenza tagħha bħala mara li għaddiet mill-esperjenza diffiċli tal-kanċer tas-sider. Fl-aħħar, bħala skola, għaddejnilha donazzjoni ta' €500 li nġabru mill-istudenti u l-*istaff*. Dawn il-flus ingħataw lill-*Marigold Foundation*.

Aħna, il-Kunsill tal-Istudenti, tajna l-kontribut tagħna billi għamilna *posters* għall-attività u ġbarna d-donazzjonijiet fil-*break*. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min ipparteċipa f'din l-attività. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-Assistenta Kap tal-Iskola, is-Sa Claire Camilleri, u t-tim tal-għalliema li ħadu ħsieb jorganizzaw din l-attività.

*Il-Kunsill tal-Istudenti*

Let's defeat breast cancer together

# NIĊĊELEBRAW IS-SBUĦIJA U D-DIVERSITÀ TAL-LINGWI



Aħna l-Maltin magħrufin kemm kapaċi nitgħallmu u nitkellmu lingwi differenti.  Minbarra li permezz tal-lingwi nkunu nistgħu nikkomunikaw kemm meta nsiefru kif ukoll meta niltaqgħu ma' persuni barranin f'pajjiżna, m'għandniex ninsew li permezz tal-lingwi nsiru midħla tal-letteratura, tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet ta' pajjiżi oħra.  Kien propju għalhekk li nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru, iċċelebrajna l-jum iddedikat lil-lingwi.  It-tema ta' din is-sena kienet il-mużika.  Filgħodu għamilna *assembly* speċjali, fejn studenti tas-sitt lingwi mgħallma fl-iskola, l-Ingliż, l-Ispanjol, it-Taljan, il-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Malti, tkellmu dwar mużika u kantanti differenti minn dawn il-pajjiżi matul iż-żmien.  L-istudenta Thea Aquilina tad-disa' sena kantat diska bil-Ġermaniż filwaqt li Gianluca Bonello tal-Ħames sena kanta diska bil-Malti. Assistejna wkoll għal diversi filmati mużikali qosra b'lingwi differenti.  Waqt il-brejk ta' nofsinhar, l-istudenti u l-għalliema kellhom l-opportunità jduqu ikel tipiku minn dawn is-sitt pajjiżi. L-ikel kien jikkonsisti minn *Victoria sandwich*, *tapas*, pizza, kannoli, *apfelstrudel*, *eclairs*, *quiche lorraine*, qassatat u timpana. Ma naqsitx ukoll belgħa te!  Fil-*foyer* kellna atmosfera mill-isbaħ bil-konkorrenza ta' membri tal-*SMT*, għalliema u ħafna studenti. Fuq kollox, bħal f'kull attività li norganizzaw fl-iskola, iddomina s-sens ta' *team work* qawwi bejn l-*SMT*, l-għalliema, it-*technicians*, il-*caretakers* u fuq kollox l-istudenti.  Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux ix-xogħol imprezzabbli li għamel matul dawn il-jiem, il-Kunsill tal-iskola mmexxi mis-Sa C Refalo u s-Sa L Caruana sabiex din l-attività tkun suċċess.  Lil kulħadd – *Thank you*! ¡*Gracias*! *Grazie*! *Danke*! *Merci*! Grazzi!











*L-Għalliema tal-Lingwi*

# INAWGURAZZJONI TAL-GAZEBO

F'Ottubru, fl-iskola tagħna ġiet inawgurata żona ta' tisbieħ sponsorjata mill-HSBC. F'din iż-żona nsibu *gazebo* kif ukoll siġar u pjanti li jsebbħu l-ambjent. Dan il-post l-istudenti jistgħu jgawduh kemm fil-brejk kif ukoll waqt xi lezzjoni partikolari fejn tista' wkoll issir il-lezzjoni. Għall-inawgurazzjoni kienu mistiedna, l-Onor. Ministru Evarist Bartolo, is-CEO tal-HSBC is-Sur Andrew Beane u s-CEO ta' *Prince's Trust International* is-Sur Jonathan Townsend.



F'dik il-ġurnata, il-mistiedna ltaqgħu wkoll ma' grupp ta' studenti li qed isegwu l-programm *XL/Achieve ta' Prince's Trust*. L-istudenti kienu qed jaħdmu l-ġulepp, fejn din l-attività ġiet magħżula mill-għalliema bħali parti mill-programm fil-qasam tal-intrapriża kif ukoll ippreżentaw żejt taż-żebbuġa li ġie maħdum mill-istess studenti bħala parti mill-programm fil-qasam ta' *teamwork*. Il-Prinċipal tal-Kulleġġ, is-Sur Paul Debono, is-Surmast is-Sur Michael Bondin, kif ukoll l-Assistenta Kap, is-Sa Claire Camilleri, dawru lil mistiedna mal-istudenti u wrew il-prodotti li jinħadmu fl-iskola mill-istess studenti.




Wara ż-żjara mal-istudenti tal-għaxar sena, il-mistiedna kellhom laqgħa mat-tfal tad-disa' u l-ħames sena li jsegwu l-istess programm. Huma ltaqgħu ukoll mal-għalliema li huma nvoluti fit-taħriġ ta' dan il-programm. Il-mistiedna kellhom kliem ta' tifħir għall-istudenti tagħna, għall-entusjażmu li urew waqt il-lezzjonijiet, għall-interess waqt l-attivitajiet u għall-impenn tagħhom fl-oqsma differenti li huma ġew imħarrġa fihom. L-istudenti ħadu gost li kellhom din il-laqgħa u xtaqu jirringrazzjaw lill-iskola tal-organizzazzjoni kif ukoll urew apprezzament lejn l-SMT u l-għalliema li huma nvoluti f'dan il-programm. Fuq kollox, jinsabu ferħana biż-żona li ġiet inawgurata u jistennew bil-ħerqa li jżanżnu dan il-post għar-rikreazzjoni u għal-lezzjonijiet.




*L-Għalliema tal-Programm PTI Achieve*

## KONFERENZA DWAR L-INTEGRAZZJONI





Nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, grupp ta' studenti attendew konferenza dwar l-integrazzjoni tal-immigranti. Din il-konferenza kienet organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Gżira flimkien mal-Kulleġġ Santa Klara. Il-Ministru Helena Dalli spjegat li għat-tfal, l-integrazzjoni tiġi naturali għax it-tfal ma jarawx wiċċ, kulur, sess, orjentazzjoni sesswali, reliġjon, razza jew etniċità imma jaraw biss bnedmin quddiemhom. Għalhekk aħna l-adulti rridu nieħdu eżempju mit-tfal fejn immorru lil hinn minn dawn il-preġudizzji. Il-Ministru Evarist Bartolo kompla billi qal li l-iskola hija l-post fejn issir integrazzjoni bejn studenti differenti u li ftit li xejn ikun hemm problemi minħabba d-diversità. L-istudenti semgħu rakkonti u xhieda ta' tfal li ġew minn pajjiżi oħra, u l-mod ta' kif integraw fis-soċjetà

tagħna, speċjalment kemm għinithom l-iskola biex ikunu jistgħu jintegraw. Minbarra xhieda tat-tfal, kien hemm ukoll kelliema oħra bħal Omar Rababah, iben l-ex plejer tal-Gżira Rababah, id-Direttur tad-Drittijiet tal-Bniedem fi ħdan il-Ministeru tal-Ugwalajanza, l-avukata Dr Lynn Faure, u diversi kelliema oħra.




*Is-Sa L Caruana u s-Sa C Refalo*

Għalliema

# NIBDA NIMRAĦ LEJN KARRIERA



Il-Kulleġġ San Benedittu huwa wieħed mill-ewwel kulleġġi f'Malta li introduċa l-Esperjenza ta' Espożizzjoni tal-Karriera. L-organizzazzjoni hija fdata lill-konsulenti tal-karriera u l-għalliema tal-gwida tal-kulleġġ. Huma għandhom irwol ċentrali bħala *front liners* f'din l-attività tal-karriera bil-għan li jħejju l-istudenti għad-dinja tax-xogħol. Kull sena r-riżultati jkun estremament pożittivi u lil hinn mill-aspettattivi. B'riżultat ta' dan, l-istudenti jiksbu l-għarfien dwar opportunitajiet tal-karriera preżenti u futuri. L-istudenti jifhmu aħjar l-etika tax-xogħol f'diversi setturi kif ukoll ir-regoli u rwoli fuq il-post tax-xogħol bħala l-bidu ta' tħejjija għall- karriera futura tagħhom.

Din is-sena, peress li n-numru ta studenti tar-raba' sena kiber, l-Esperjenza ta' Espożizzjoni tal-Karriera saret fuq ġimagħtejn bejn l-20 u l-24 ta' Novembru u bejn l-4 u s-7 ta' Diċembru. Hekk kien possibbli li 235 student jesperjenzaw u b'suċċess temmew din l-esperjenza esklussivament f'xi post tax-xogħol. L-Esperjenza ta' Espożizzjoni tal-Karriera kellha kull appoġġ possibbli mid-Dipartiment tas- Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel fejn kienu provduti għadd ta' postijiet tax-xogħol li jvarjaw f'setturi prominenti bħal eżempju fil-qasam tal-finanzi, fit-teknoloġija, fl-armata, fis-saħħa u oħrajn.

L-Esperjenza ta' Espożizzjoni tal-Karriera mhix l-unika attività marbuta ma' karriera, iżda tagħmel parti integrali minn katina twila ta' attivitajiet relatati ma' karrieri direttament pjanati biex jiggwidaw l-istudenti jesploraw mogħdijiet diversi ta' karriera. Dan jintlaħaq permezz ta' żjarat orjentati f'kumpaniji, entitajiet u istituzzjonijiet sekondarji. Dan kollu huwa sostnut ma' tagħlim fil-klassi fejn insemmu kif tikteb CV u applikazzjoni għal xogħol, kif tipprepara għal intervista ta' xogħol u aktar. L-għanijiet ewlenin tat-Tim ta' Gwida tal-Karriera huma varji. Fost l-oħrajn dawn jagħtu pariri dwar kif għandha tittieħed deċiżjoni għaqlija u jimmotivaw lill-istudenti biex jaħsbu u jirriflettu b'mod kritiku fuq l-għażliet ta' karriera.

Jiena nemmen li l-involviment tal-komunità tan-negozju Maltija fl-esponiment tal-karriera huwa imprezzabbli ħafna b'mod partikolari u primarjament fl-oqsma marbuta mal-edukazzjoni tul il-ħajja, mobilazzjoni tal-impjiegi u fatturi soċjali u ekonomiċi. Għaldaqstant, inħossni konvint li l-Esperjenza ta' Espożizzjoni tal-Karriera tqajjem fl-istudenti kuxjenza u ħsieb sinifikanti fuq l-importanza li jinkisbu kemm jista' jkun kwalifiki. Hekk huma jibdew iħarsu lejn l-edukazzjoni tul il-ħajja u l-impenn ta' żvilupp ta' ħiliet, kapaċitajiet u abilitajiet bħala neċessità għal kisba tal- karriera futur tagħhom.




*Is-Sur N Mallia*

Career Adviser

# OFFICIAL CALENDAR

| December 2017 | |
|---|---|
| 14 | Parents' Evening (18.00 - 20.00) |
| 15 | Panto Performance (19:00) |
| 16 | Panto Performance (19:00) |
| 17 | Panto Performance (14:00 and 19:00) |
| 18 | Geography Fieldwork (Yr 10 Geography Opt. Students) |
| | Christmas Jumper Day |
| 21 | Panto Performance (Year 9, Year 10 and Form 5) |
| | Sports Activity |
| 22 | Christmas Celebration Mass & Party (Year 9, Year 10 and Form 5) |

| January 2017 | |
|---|---|
| 8 | First Day of Second Term |

# COMPUTING



Is-suġġett tal-*Computing* huwa wieħed mis-suġġetti offruti mid-Disa' Sena 'l quddiem. Imma x'jagħmlu interessanti?

Fid-dinja li ngħixu fiha llum huwa impossibbli li qatt m'għamilt użu minn xi forma ta' kompjuter. Jekk nagħtu ħarsa madwarna fid-dar, insibu numru konsiderevoli ta' apparat li fih iċ-ċipep ewlenin li jagħmlu kompjuter, fosthom, *mobiles*, *washing machines*, il-*microwave* u saħansitra t-televixin. Uħud jinteressaw ruħhom u jistaqsu, "Imma dawn kif jaħdmu?" Oħrajn iħarsu lejn logħob fuq il-kompjuter li jilagħbu ma' sħabhom u jaspiraw li xi darba huma wkoll ikunu kapaċi joħolqu xi ħaġa simili.  Dawn huma ftit mill-kurżitajiet li jħajru għadd kbir ta' studenti biex jagħżlu s-suġġett tal-*Computing*.

Fil-*Computing*, l-istudenti jieħdu togħma żgħira tal-*hardware* essenzjali li hemm bżonn biex kompjuter jaħdem. Jitgħallmu wkoll kif jiżviluppaw programmi biex ikunu jistgħu jikkontrollaw il-kompjuter. Dan nagħmluh billi fid-Disa' Sena (Form 3) l-istudenti jitgħallmu jipprogrammaw ir-*robots*. Dawn ir-*robots* jagħmlu s-suġġett ħafna iktar interessanti. Fl-Għaxar Sena (Form 4), jibdew jitgħallmu l-*Java*, li hija l-lingwa li tintuża f'ħafna kumpaniji tal-IT. Fis-sena skolastika 2017-2018 se jiżżanżnu kompjuters ġodda fil-laboratorji tagħna biex b'hekk inkunu qed noqorbu lejn is-sistemi li nsibu fl-industrija f'dan is-settur.

Inħeġġu lill-istudenti kollha, subien u bniet, biex jieħdu dan is-suġġett bis-serjetà u b'hekk jinfetħulhom diversi opportunitajiet ta' xogħol li joffru pagi attraenti, kundizzjonijiet ta' xogħol favorevoli kif ukoll avvanz fil-karriera kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna.

*L-Għalliema tal-Computing*

# ŻJARA FID-DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI F'ĦAL FAR




Waqt il-lezzjonijiet tal-'Home Management', l-istudenti tal-klassijiet 10.11 u 10.12 tgħallmu dwar l-importanza tal-ewwel għajnuna u ta' kif din għandha tingħata. Tgħallmu wkoll x'inhuma l-fatturi li bihom jista' jaqbad in-nar, modi differenti kif wieħed jista' jitfi n-nar u dwar x'wieħed għandu jagħmel f'każ ta' nar. Biex isaħħu dak li tgħallmu waqt il-lezzjoni, l-istudenti marru fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'Ħal Far fejn iltaqgħu mal-pompiera li jaħdmu f'dan il-qasam.









Malli wasalna, wieħed mill-pompiera beda jurina t-tipi ta vetturi differenti li għandhom; dawk li jġorru ammonti differenti ta' ilma kif ukoll dawk li jġorru l-apparat meħtieġ sabiex il-pompiera jistgħu jkomplu xogħolhom. Fost dawn l-affarijiet, urewna ċ-ċilindri tal-ossiġenu li jġorru wara daharhom meta jidħlu f'xi post qiegħed jaqbad kif ukoll l-apparat meħtieġ biex ikunu jistgħu jgħollu trakkijiet jew oġġetti tqal f'każ li xi persuni jinqabdu taħthom waqt ħruq.



Il-pompiera ma naqsux milli jaqsmu mal-istudenti xi ftit mill-esperjenza tagħhom f'dan ix-xogħol. Fost l-oħrajn qalulhom b'inċidenti differenti li bihom diversi persuni kkawżaw in-nar u kif dawn setgħu ġew evitati. Kien hawn fejn l-istudenti fehmu kemm in-nar jista' jkun perikoluż u kemm wieħed għandu joqgħod attent.




Fl-aħħar taż-żjara tagħhom, l-istudenti ġew mogħtija l-opportunità li jużaw wieħed mill-pajpijiet tal-ilma li l-pompiera jużaw biex jitfu n-nar. Barra minn hekk, ingħataw dawra f'waħda mill-vetturi użati fit-tifi tan-nar. Matul din iż-żjara, l-istudenti setgħu jaraw il-ħeġġa u l-imħabba li l-pompiera juru lejn ix-xogħol u kien għalhekk li xi studenti ġew ispirati sabiex 'il quddiem anki huma jissieħbu ma' dawn il-pompiera li jagħmlu tant xogħol siewi għal pajjiżna.



*Is-Sa G Schembri*
Għalliema tax-Xjenza u l-Kimika





# ART











In the light of the fact that students in their majority tend to be more inclined towards computer generated software and games, with restless urge to explore the latest technological device on the market, its unsurprising to see a drastic decline of hands-on activities amongst adolescents in general. Consequently, teaching Art to such audiences is inevitably becoming more challenging and if not for our constant prompting and encouragement, I risk saying that most students will fail to meet the minimum requirements.

As a department, one of our main targets was to instil in our students an alternative approach towards such media; with the intent of triggering their thirst to explore the surrounding world with the aid of contemporary technologies. Moreover, students were required to delve deeper into the respective subjects by carrying out proper online research, experiment with a variety of software at hand, yet eventually attain their goals through the use of versatile artistic media and techniques with reference to the surrounding environment.

Besides, the use of the artistic process served as a general framework for the numerous projects that were carried out throughout the year. Work from observation as well as imaginative picture making constituted the individual portfolios that reflect the diverse perceptions of different individuals. With the involvement of a substantial number of students from different forms, we also embarked on multiple projects concerning various school events such as the pantomime and the celebration day. Such accomplishments were achieved thanks to the collective efforts and commitment of those involved. Meanwhile, they served as an opportunity for further experimentation in extension with the matters dealt with in the Art room.



*Art Department*

# THE LEARNING SUPPORT ZONE



Along with the consistent commitment and dedicated joint-effort of numerous professionals including the SMT, the DSS, the guidance department, the prefect of discipline, social workers and other local authorities, the Learning Support Zone provided various students with supplementary help through tailor made programmes aiming at addressing their respective needs.



As with previous years, our main scope was that of eliciting the best out of every individual by means of additional support in extension with the content delivered in class. The programmes ranged from anger management to emotional literacy as well as gradual integration back to the mainstream.  Encompassing through different topics and relevant subject matters, we strived to target the holistic development of the particular students in order to enhance their full integration within our resourceful school environment and simultaneously equipping them with the skills required to overcome daily challenges that very often hinder their overall development.

Unfortunately, the LSZ tends to be associated with SEBD students who display a deviant and challenging behaviour or seem to be resisting the educational system.  However, the system itself is designed to supply any additional assistance that many students may encounter; irrespective of their academic level or family background.  Actually, most of our energies during this scholastic year were more focused on students with discreet emotional issues that are unlikely to be evident in class or somehow obstruct lessons.



Once again, we feel satisfied that although some students may require more than just a couple of hours weekly, these sessions enabled us to be flexible enough in reaching students by means of versatile strategies involving relevant tasks catering for their needs.  Random class assistance by the LSA assigned within the LSZ was also very helpful in rendering their scholastic experience more pleasing and fulfilling.  Moreover, informal instances such as break time and locker time were utilised to establish a trustful relationship with these students and sustain what we do in class.

*The LSZ Team*

# P.S.C.D. - IS-SUĠĠETT GĦALL-ĦAJJA AĦJAR

Il-*Personal, Social & Career Development* (P.S.C.D.) huwa suġġett fejn għal siegħa u għoxrin minuta fil-ġimgħa, l-istudenti fis-sekondarja jkollhom l-opportunità jaħsbu, jirriflettu u jakkwistaw ħiliet għall-ħajja ta' kuljum u anke għall-futur. Dawn is-sessjonijiet jgħinu biex l-istudenti jikbru fl-aspett personali, soċjali u issa fl-aspett tal-karriera wkoll. Xi ħiliet li nittrattaw f'dan is-suġġett huma dawn:




- Istima u r-Rispett
- Kunfidenza
- Irwoli
- Impenn
- Iżvilupp ta' Talenti
- Emozzjonijiet
- Kunfidenzjalità
- Tqassim tal-ħin
- Istudju u l-eżamijiet
- Deċiżjonijiet
- Għażliet
- Konsegwenzi
- Identità tal-ġeneru
- Twemmin
- Kif nidher
- Saħħa tajba
- Responsabbiltà
- Istress
- Droga u l-*Energy Drinks*
- Tqassim tal-flus
- Orjentazzjoni sesswali
- Rabja




- Koperazzjoni
- Komunikazzjoni
- Ħidma f'tim
- Relazzjonijiet
- Irwoli
- Isterjotipi
- Diversità
- Tolleranza
- Bullying
- Teknoloġija
- Ħbieb
- Influwenza tal-ħbieb
- Sesswalità
- Ambjent
- Ċittadinanza
- Reputazzjoni
- Sostennibbiltà
- Użu tal-internet
- Volontarjat
- Donazzjoni ta' organi/demm
- Addozzjoni u l-Fostering
- Vjolenza Domestika




- Valur tal-edukazzjoni
- Valur tax-xogħol
- Impjiegi/ Karrieri
- Pjan tal-karriera
- Kontribuzzjoni
- Sodisfazzjon tax-xogħol
- Alternattivi tax- xogħol
- Sigurtà Soċjali
- Pagi u s-Salarji
- Responsabbiltajiet
- Trejdunjins
- Drittijiet






Forsi ħafna minnkom jistaqsu: Imma l-istudenti x'jagħmlu f'dan is-suġġett? Il-metodoloġija tal-P.S.C.D. hi differenti minn suġġetti oħra. L-istudenti jkunu bilqiegħda f'ċirku u permezz ta' attivitajiet varji l-għalliema tiffaċilita diskussjoni li twassal għall-għarfien kif dawn il-ħiliet imsemmija hawn fuq, jiġu akkwistati u applikati. Naturalment jiġu diskussi sitwazzjonijiet attwali u realtajiet li jiltaqgħu magħhom l-istudenti tagħna. Minn din is-sena, l-Uffiċjali Edukattivi tal-P.S.C.D. fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ipprovdew *workbooks* ġodda għal kull student/a biex isostnu dak li jkun sar fil-grupp fil-klassi.

Tajjeb li l-istudenti jirrealizzaw kemm dawn il-ħiliet huma essenzjali għall-ħajja ta' kuljum u anke fid-dinja tax-xogħol. Illum, min iħaddem, qed jisħaq fuq l-importanza li l-individwu jkollu *soft skills* apparti l-kwalifiki fl-eżamijiet. Għalhekk tajjeb li ninvestu ħin biżżejjed u nagħtu l-prijorita` meħtieġa biex l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet.

*L-Għalliema tal-P.S.C.D.*

# IL-KUNDIZZJONI TAS-COELIAC

*Coeliac* hija kundizzjoni relatata mas-sistema diġestiva li twassal biex l-intestini jifjammaw u ma jassorbux nutrijenti. Dan jiġri minħabba li għal xi raġuni, l-ġisem ma jittollerax il-proteina li tinsab fiċ-ċereali u l-prodotti magħmulin minnhom, b'mod partikulari l-qamħ (*wheat*), ix-xgħir (*barley*) u s-segala (*rye*). Din il-proteina hija l-glutina (*gluten)*.

Meta persuna li tbati b'din il-kundizzjoni tiekol minn dan l-ikel, tesperjenza sintomi mhux pjaċevoli bħal: dijarea, dardir, nuqqas jew żieda fil-piż, kif ukoll uġigħ ta' żaqq u ugigħ ta' ras, fost oħrajn.

Għaldaqstant biex tevita dawn is-sintomi, huwa importanti li ma tikkunsmax ikel li huwa magħmul mill-qamħ, mis-segala u mix-xgħir. Eżempji jinkludu ħobż, ċereali tal-kolazzjon, għaġin, *crackers*, gallett, kejkijiet u għaġina tat-torti u l-pizza. Dan għaliex l-unika trattament li tista tieħu għal din il-kundizzjoni hija billi ssegwi dieta li ma tinkludix il-proteina glutina.



Musrana b'saħħitha li kapaċi tassorbi n-nutrijenti permezz tal-*villi*

Musrana ffjammatha li ġratilha ħsara fil-*villi.* Għalhekk in-nutrijenti ma jiġux assorbiti

Madanakollu xorta nistgħu nikkunsmaw alternattivi oħra li ma fihomx glutina. Fost oħrajn hemm prodotti bħall-għaġin u d-dqiq li huma magħmulin mir-ross u l-qamħirrun (*corn*). Ikel ieħor li ma fihx glutina b'mod naturali hu l-frott u l-ħaxix kollu, il-laħam u l-ħut, il-karawett, il-lewż il-ġellewż, il-ħalib u prodotti magħmulin minnhom.

Importanti li meta persuna *coeliac* toħroġ tiekol barra toqgħod attenta li tagħżel postijiet li joffru ikel li jiġi ppreparat b'attenzjoni biex ma jiġix ikkontaminat bil-glutina. Dan għaliex ikel li ma fihx glutina u li jintmess ma' ikel li fih il-glutina, kapaċi jagħmel l-istess ħsara. Importanti wkoll li qabel jinxtara l-ikel, tinqara t-tikketta sew, b'mod partikolari l-lista tal-ingredjenti fejn wieħed ikun jista' jara avviżi dwar xi allerġiji partikolari li jista' joħloq il-prodott. Dan is-simbolu tal-qamħa maqtugħa li jinsab fuq it-tikketti tal-ikel jindika li l-prodott ma fihx glutina.

Meta individwu jħoss ċerti sintomi kull darba li jiekol ikel li fih il-glutina, għandu jirrikorri għand it-tabib personali tiegħu biex imbagħad dan ikun jista' jirreferih għal ċerti testijiet speċifiċi biex jindika jekk huwiex *coeliac* jew le.

Ta' min jgħid li persuni li ma jbatux minn din il-kundizzjoni xorta għandhom jibqgħu jikkunsmaw ikel li fih il-glutina basta dan isir b'moderazzjoni, bħal kul tip ta' ikel ieħor. Dan minħabba li ikel bhaċ-ċereali li fihom il-glutina, fihom ukoll nutrijenti importanti ħafna bħall-proteini u karboidrati - b'mod specjali dawk għoljin fil-fibra, per eżempju ħobż ismar, bosta vitamini u minerali.

*Id-Dipartiment tal-Home Economics*

# ENGLISH ESSAY COMPETITION

Last scholastic year, the English Department organised its third annual writing competition, aimed at enhancing students' creativity and writing skills. The Year 8 students were given three elements to include in their short story and in this issue of our school journal we are publishing one of the winning entries. We hope you enjoy reading it and we look forward to sharing more students' work with you in the future.

## The Shadow Stone

As we staggered on through the dense foliage of the forest, we heard a rustle amongst the bushes.

We stood paralyzed with fear as the rustling and snapping of twigs neared, and I almost cried out with relief when a lion cub emerged. We decided to leave the cub where it was as it would only slow us down and the mother would surely be nearby.

We were travelling through the depths of the Amazon forest, one of the most dangerous places to be, in search of the shadow stone, the most powerful object in the world. It is said that the stone contains dark magic and has enough power to restore life to the deceased and grant immortality to the person in possession of it.



After months of raiding tombs and caverns, with rumours of a map as our only lead, my colleague and I finally came across a worn map bearing the location of the stone and here we are, in the middle of a forest, surrounded by deadly creatures. After reaching the destination the map indicated, we started to shovel the dirt, waiting for any signs that something was underneath.



Just as I was giving up, a bright flash from within the soil caught my eye, and a surge of hope coursed through my body like an adrenaline rush, and I dug like my life depended on it. Then, out of the blue, a silver box emerged, and I knew that the stone was inside it because the aura of the box had an extraordinary power.

The urge to open the box was overpowering and when I did, a surge of bright light emerged from within, momentarily blinding me. Just then, when I grasped the sleek black stone in my hand, I knew I could do anything.



*Martha Spiteri*

# IF I WERE THE MINISTER OF EDUCATION FOR A DAY...

In May 2017, the Education, Youth, Culture and Sports Council met in Brussels during Malta's European Council Presidency. The department of Education organised a competition with the aim of choosing three students, from the primary, secondary, and post-secondary sectors, to accompany Education Minister Evarist Bartolo and address the council with their thoughts on what changes they would like to see made to the education system.

Gerard-William Zammit Young entered the competition and wrote an essay based on the theme: 'If you were the Minister of Education for a day, how would you change your school?' His entry was shortlisted amongst the top five entries in his category.

"Education is the most powerful weapon which you can use to change the world." – These are the words of one of the most well-known leaders in history, Nelson Mandela.

The future of a country lies in education, both formal and non-formal. Therefore, keeping education standards updated is crucial to have a solid foundation for the future. This is achieved by using the latest technology and methods of teaching to give us students, a better understanding of the subjects we are learning.

Students complain of a theoretical system when they are asked about their education system. As education minister, I would revise the present curriculum in favour of a more hands-on curriculum. A more practical curriculum would help students visualize theories in a more constructive manner, rather than studying the theories by heart.

Also, I would assemble a curriculum that is based more on non-formal and informal education obtained from after-school and in-school activities, such as student councils and sports clubs. This would help students learn skills such as respect, responsibility, and honesty, which are hard to learn through the traditional style of teaching.

I would provide more government grants for educational websites and applications, which would make learning more fun and interactive for students. I would invest in technology and ICT equipment as this modernises teaching and helps students receive material in ways that are up to the 21$^{st}$ century standard. Additionally, I would scrap the written examination for ICT and replace it with a practical examination taken on a computer.

I would also implement a healthy eating policy. Malta has one of the highest obesity rates in the world and such a policy would address this issue. With healthier food being sold in schools, students will live in a healthier way. This lifestyle would be passed down to later generations and slowly improve the public health level.

Another change would be that students would have more opportunities for out-of-school activities during school hours, such as visits to science museums. Most students do not have enough time to visit these sites, so school outings would be a great aid to their education.

As Malta is just a small island, more international exchanges would be high up on my list of things to do. I believe that this is achievable with the European Union members' cooperation. This would be beneficial to their education systems as the students would not only advance in their foreign language studies, but also share their ideologies with other international students.

But there cannot be a strong educational system without a strong foundation - the teachers. In the words of Malala Yousafzai, "One book, one pen, one child, and one teacher can change the world." The teacher is the most influential person in a student's education. Therefore, teachers should be taught and trained in the best way possible. I would invest heavily in this sector so more people would work in educating tomorrow's leaders.

But education, like everything else, begins at home. Support from parents is needed continuously. This is the hardest problem to tackle, but the easiest solution is to educate the parents themselves. More frequent meetings between teachers and parents would help parents know where and how they could help their children most.

In conclusion, I would try to improve the education system by investing in current policies. I would try to modernise the system and update it to 21st century standards. The system would be more open to globalisation and would focus on each student's learning method so that each student is not only taught academic subjects, but also how to live life.

*Gerard William Zammit Young*

# IT-3 MUSKETTIERI?





**Bord Editorjali:**

Editur: *Claire Camilleri*

Disinn: *Adrian Galea*

Issettjar: *Jurgen Azzopardi*

Fotografija: *Għalliema varji*

Qari tal-Provi: *Francesco Bonello, Desiree Dimech, Joseph Spiteri*

Tajpisti: *Sue Ellen Cachia, Kirsty Callus, Elizabeth Grech Scicluna*



*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, il-Ħamrun*
☎ *77 940 904*
✉ *info@copyservltd.com*